FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 26 ta' Marzu 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**vs**
**Nurton Borg**

Kawża nru. 2793/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Nurton Borg,** iben Paul u Maria Anna Micallef, imwieled Pieta nhar is-16 ta' April 1996 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 185796M, akkużat talli nhar is-17 ta' April 2024 waqt il-prosegwiment tal-kumpilazzjoni nru. 56/2021/17 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Corito Luca Emanuele* f'Awla nru 12, fl-edifiċċju tal-Qorti, Valletta, quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D.

1. Bħala xhud, ma riedx jaħlef jew jixhed, meta hekk meħtieġ mill-Qorti;
2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**
L-imputat qiegħed jiġi akkużati talli irrifjuta li jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja fis-17 t'April 2024 waqt il-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Corito Luca Emanuele, bi ksur tal-artikolu 522(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> "Kull xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien."

Jirriżulta, u mhuwiex kontestat illi l-imputat kien instab ħati ta' ħruq doluż ta' vettura u ħsara volontarja fis-7 ta' Frar 2024 minn din il-Qorti diversament presjeduta (ara Dok LZ3 a *fol* 16). Jirriżulta li ma ġie intavolat l-ebda appell minn din is-sentenza. Jirriżulta wkoll illi ċertu Corito Luca Emanuele kien tressaq separatament fir-rigward ta' dan il-ħruq doluż u l-imputat ġie prodott bħala xhud mill-prosekuzzjoni. Mill-kopja awtentikata tal-verbal tas-17 ta' April 2024 tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Corito Luca Emanuele jirriżulta illi l-imputat kien ħa l-ġurament iżda kien irrifjuta li jixhed. Għalkemm ma jirriżultax mill-istess verbal, mhuwiex kontestat illi l-imputat kien iddikjara f'dawn il-proċeduri li kien qiegħed jibża minn Corito Luca Emanuele u li kien għalhekk li ma riedx jixhed. Mill-istess verbal jirriżulta li l-Qorti kienet fehmitu li huwa għandu l-obbligu li jixhed skont il-liġi u meta kompla irrifjuta li jixhed il-Qorti ordnat l-arrest tiegħu sabiex jitressaq quddiem il-Qorti kompetenti akkużat bir-reat taħt l-artikolu 522(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat xehed fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Corito Luca Emanuele.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daren Debono** fejn il-Qorti trattat *funditus* dan ir-reat, u għamlet konsiderazzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċirkostanza fejn xhud kompetenti u kompellabli jirrifjuta li jixhed għaliex jgħid li jkun qed jibża`:

> "36. Sabiex jitqies integrat dan ir-reat, jeħtieġ li jiġi pruvat, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li:
> (i) L-awtur tar-reat irid ikun 'xhud'. Xhud huwa dak li jiġi biex jixhed minn jeddu jew għax imġiegħel jagħmel dan. Iżda għall-fini ta' dan ir-reat ma jistax jitqies li jinkludi dawk il-persuni li l-Liġi stess ittihom id-dritt li ma jixhdux minħabba li jkunu jiġu mill-akkużat, jew fejn ittihom privileġġ li ma jixhdux biex ma jinkriminawx lilhom infushom, jew minħabba l-istat ta' relazzjoni personali mal-akkużat (sakemm ma jkunux suġġetti għal eċċezzjonijiet imsemmija fil-liġi). **F'dan il-każ allura x-xhud irid ikun tali li jkun xhud kompetenti, xhud li jista' jixhed skont il-Liġi.**
> (ii) Minbarra li jrid ikun xhud kompetenti, biex ikun jista' jitqies integrat dan ir-reat, il-Liġi teħtieġ ukoll li dak ix-xhud ikun irid jirrifjuta li jaħlef jew jixhed fuq il-pedana tax-xhieda **meta huwa jkun meħtieġ mill-Qorti sabiex jaħlef jew jixhed (jew it-tnejn)**. Allura r-reat jitqies integrat meta x-xhud, li jkun kemm kompetenti li jixhed kif ukoll jista' jiġi mġiegħel jixhed mill-Qorti, ma jkunx irid jaħlef jew jixhed jew it-tnejn.
> 37. Kemm xhud li jkun kompetenti u kompellabbli huwa wkoll marbut li jixhed jirriżulta mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew sive Andrea Facchetti et** deċiża nhar it-28 t'April 1997 fejn ġie mistqarr illi l-jeddijiet u d-dmirijiet ta' persuna li titħarrek tixhed huma regolati bl-artikoli 587 sa 590 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikoli huma wkoll applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Bħala regola ġenerali, xhud irid iwieġeb għal kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu u l-Qorti tista' ġġiegħlu jwieġeb billi tordna d-detenzjoni tiegħu sakemm ikun ħalef u wieġeb.

[…]
42. Il-mument li xhud, li jkun kompetenti u li jkun jista' jiġi mġiegħel li jixhed jirrifjuta li jieħu dak il-ġurament, huwa jkun passibbli għar-reat kriminali taħt l-artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali.
43. Iżda l-mument li xhud imbagħad jieħu dak il-ġurament għax ikun kompetenti li jixhed, kif ukoll huwa jkun jista' jiġi mġiegħel li jixhed, allura f'dak il-punt huwa jsir **obbligat** li jixhed. Jekk għal xi raġuni x-xhud, debitament maħluf, jirrifjuta li jixhed meta jkun hekk meħtieġ mill-Qorti, huwa jkun qiegħed ukoll jikkommetti d-delitt imsemmi fl-artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali. Jista' jkun għadu ma lissenx kelma waħda wara l-ġurament. Il-fatt fih innifsu li jagħżel li ma jixhedx meta ma għandux il-jedd, l-għażla jew il-privileġġ li jagħmel dan, jintegra r-reat de quo.
[…]
47. Bl-espressjoni "**xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti"** l-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali jinkludi fih l-ipoteżi li xhud ma jkunx irid jieħu l-ġurament jew li jixhed. Il-mument li xhud ikun ħa l-ġurament, huwa mbagħad ikun irid jixhed b'mod sħiħ u komplut billi jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Jista' jagħti l-każ li xhud verament ikun beżgħan li jixhed jew ikollu xi raġuni oħra tberren f'moħħu għaliex huwa jħoss li ma għandux jixhed f'każ partikolari. Iżda jekk ikun xhud kompetenti u li jista' jiġi mġiegħel li jixhed dak il-biża ma jeħilsux mid-dmir li jixhed kif spjegat iżjed il-fuq. Altrimenti jekk xhud kompetenti u li jista' jiġi mġiegħel li jixhed jitħalla jew ma jieħux il-ġurament, jew inkella jagħżel hu x'jgħid u ma jgħidx bil-ġurament tiegħu, għax iħossu skomdu jew beżgħan, allura s-sistema tas-smiegħ u l-ġbir tax-xiehda, li hija s-sinsla tal-liġi tal-evidenza fi proċeduri ġudizzjarji prattikament tikkrolla u ssir inutli. Il-Liġi ma tridx li dan iseħħ u huwa għalhekk li, inter alia, jeżisti dan ir-reat maħluq bl-artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali."
[…]
Din il-Qorti tista' tifhem li jistgħu jqumu sitwazzjonijiet fejn persuna tibqa' ġġorr magħha t-toqol tal-piż tal-passat tagħha. Tifhem ukoll li min ikun involut f'ħajja ta' kriminalita jkun jaf sewwasew kif jaħsbu u jaġixxu l-persuni involuti miegħu f'dak il-qasam li fih kien involut; kif ukoll ikollu idea, piu o meno ċara u realistika, safejn dawn in-nies ikunu jistgħu jaslu. Iżda mill-banda l-oħra din hija preċiżament waħda mir-raġunijiet għaliex bniedem għandu jżomm lura milli jissieħeb f'għaqdiet kriminali jew f'attivitajiet kriminali. Id-dnub ma jorqodx u huwa verosimili li għada pitgħada dak li jkun ikollu jiġi wiċċ imb'wiċċ mar-realta kiefra u kerha ta' passat simili, fejn ikollu jagħmel il-kontijiet mal-passat tiegħu billi jkollu jħares dritt f'għajejn dik ir-realta kerha.
56. U hekk jidher li qiegħed jiġri f'dan il-każ. L-appellant itenni li d-deċiżjoni tiegħu li ma jsemmix il-persuni kollha involuti hija mnissla minn neċessita li huwa jħoss li jagħmel dan minħabba l-biża li huwa għandu minn xi att ta ritorsjoni jekk huwx jikxef fix-xiehda tiegħu lil persuni l-oħra li ħadu sehem f'dan il-hold-up. Din hija sitwazzjoni diffiċli immens għalih li taqbdu bejn il-martell u l-inkwina. Iżda l-Liġi hija ċara u ma tagħmilx distinzjonijiet. Jekk l-appellant iħoss din il-biża li huwa għandu – u li tista' wkoll tkun biża ġustifikata – tant hija kbira li teħtieġ

li jingħata protezzjoni, allura huwa u familtu għandhom jingħataw il-protezzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex l-inkolumnita tiegħu u tal-familja tiegħu tiġi mħarsa mill-Istat.
57. Iżda mill-banda l-oħra l-Liġi ma tagħtihx jedd li huwa ma jixhedx il-verita kollha meta meħtieġ mill-Qorti. Dik il-ħaġa ma jistax jagħmilha. Ladarba huwa xhud kompetenti u kompellabbli, huwa marbut li jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Fin-nuqqas, il-Qorti tal-Maġistrati tkun korretta li tmexxi fis-sensi tal-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali u daqstant ieħor tista' tkun korretta l-azzjoni msemmija fl-artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali kontra tiegħu, jekk mhux ukoll, fil-każijiet kongruwi reati iżjed serji. F'dan il-każ ittieħdet l-azzjoni taħt l-artikolu 522(2) tal-Kodiċi Kriminali li kif spjegat iżjed il-fuq, kienet waħda li legalment u raġonevolment setgħet tittieħed.
58. Dan ukoll minħabba l-fatt li mhux biss il-Liġi Maltija ma tippermettix lil persuna tirrifjuta li tixhed is-sewwa kollu – anke f'każ fejn tħoss xi neċessita, iżda talli anke l-ġurisprudenza teskludi l-iskriminanti tal-istat tan-neċessita f'dan il-każ."

Ikkonsidrat il-fatti hawn fuq esposti li rriżultaw f'dawn il-proċeduri, u fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali appena ċitat, m'hemmx dubbju li r-reat ikkontemplat fl-artikolu 522(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie kkunsmat fis-17 ta' April 2024 hekk kif l-imputat irrifjuta li jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Stuttorja minkejja li kien xhud kompetenti u kompellabbli.

Fil-każ de quo pero, a differenza tal-każ ċitat, l-imputat eventwalment xehed fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Corito Luca Emanuele fejn kien ġie mħarrek biex jixhed, waqt li din il-kawża kienet għadha pendenti. Għalhekk il-piena applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 522(4) li jipprovdi hekk:

"Meta x-xhud akkużat kif imsemmi fis-subartikolu (3), f'kull żmien qabel tingħata sentenza finali fir-rigward tiegħu,jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti li quddiemha tkun meħtieġa dik ix-xiehda u fi stadju li fih il-qorti tkun tista' tirċeviha, dak ix-xhud ma għandux jeħel il-piena ta' priġunerijaiżda għandu jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa li ma tkunxaktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(€1,164.69)."

L-imputat qiegħed jiġi wkoll addebitat bir-reċediva. Il-Qorti rat illi fl-atti ġiet prodotta kopja awtentikata tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Frar 2024, li mix-xhieda tal-Assistant Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Stephania Calafato Testa jirriżulta li ma ġietx appellata. Għaldaqstant l-addebitu tar-reċediva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta suffiċjentement pruvat. Il-Qorti rat ukoll illi mill-istess sentenza jirriżulta illi l-imputat kien ġie kkundannat għal piena karċerarja ta' tlett snin u nofs priġunerija. L-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor."

Għaldaqstant, ġaladarba l-imputat kien għadu ma skontax il-piena imposta mill-Qorti fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat mertu ta' dawn il-proċeduri, ir-reċediva ma jistax ikollu l-effett kontemplat fl-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dak li jirrigwarda l-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti rat illi l-artikolu 522(4) ma jistabilixxi il-multa minima li tista' tiġi imposta, u għalhekk tapplika r-regola provduta fl-artikolu 11(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe illi l-multa minima hija ta' €23.29. Il-Qorti taqbel mad-difiża illi fiċ-ċirkostanzi l-multa m'għandhiex tkun fil-massimu jew qrib il-massimu. Detto dan, lanqas ma għandha tkun fil-minimu jew lejn il-minimu ikkonsidrat mhux biss il-fatt illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza hawn fuq ċitata, u ċioe li l-liġi ma tippermetti l-ebda skużanti għal xhud kompetenti u kompellabli li jagħżel li ma jixhidx, iżda wkoll ikkonsidrat l-ammont ta' xhur li għaddew qabel ma l-imputat finalment aċċetta li jixhed.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 322(2) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€300) li tista' tiħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' tletin ewro (€30) fix-xahar.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur